Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2013

Numru. 1198/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR TONY CACHIA**

**VS**

**ANTNICK TANTI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Antnick Tanti, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 177986 (M).

**Akkuzat talli:**

Fit-8 ta` Gunju, 2009, u fi granet ta` qabel b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta` haddiehor u cioe` bi hsara ta` Joseph Farrugia permezz ta` cekk ta` tliet mija u tmienja u sittin Ewro (€368.00).

U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, meta gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi prodotti u semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-ammissjoni volontarja tal-imputat, il-hlas dovut lura u wara li rat il-koperazzjoni shiha tal-imputat mal-Awtoritajiet koncernati kif ukoll li l-imputat skuza ruhu ghall-incident;

Wara li rat l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dina l-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------